

# DEĊIŻJONIJIET 1

## tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti dwar il-Varjanti Ortografiċi

## Daħla

Minn mindu twaqqaf madwar tliet snin ilu, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti impenja ruħu li jħabrek biex isaħħaħ il-kitba tal-Malti u fiha jintlaħqu l-istandards mixtieqa. Għen lid-Dipartiment tal-Malti fl-Università biex jiġi organizzat b'suċċess kors għall-Qari tal-Provi, li minnu ħierġa klassi ġdida ta' nies minn kull qasam tal-ħajja li tkissru fil-kitba Maltija u huma kkwalifikati fiha. Ħaseb ukoll biex jibda jistieden diskussjoni pubblika fuq l-aktar punti li qegħdin itellfu lil min jikteb bil-Malti u jfixklu l-iżvilupp armonjuż tiegħu. Skont il-pjan tal-Kunsill, dan għandu jsir permezz ta' konsultazzjoni wiesgħa fuq kull problema, li mbagħad issib il-qofol tagħha f'seminars nazzjonali, li minnhom sa issa saru tnejn. Wara dan, imbagħad, tasal il-fażi tad-deċiżjoni li titħalla f'idejn l-aktar nies ikkwalifikati.

Id-dokument li għandek f'idejk huwa l-ewwel frott ta' dan il-proċess demokratiku u fih issib id-deċiżjonijiet uffiċjali dwar il-varjanti fl-ortografija. Il-varjanti ortografiċi jirriżultaw kull meta kelma li kulħadd jippronunzjaha l-istess ikollha aktar minn mod wieħed kif tiktibha. Dawn il-verżjonijiet differenti fil-kitba, li sa issa kienu kollha b'xi mod aċċettabbli, huma ta' tfixkil mhux żgħir għal min jikteb ħafna bil-Malti, l-aktar għax il-biċċa l-kbira tal-kitba ssir bil-mezzi elettroniċi li jeżiġu minna konsistenza iktar rigoruża b'risq il-kumdità tar-riċerka. Dan ix-xogħol, fil-fatt, huwa t-tweġiba tal-Kunsill għat-talba ta' bosta tradutturi, għalliema u ġurnalisti li xtaqu soluzzjoni għat-tfixkil tal-varjanti ortografiċi.

F'Lulju 2007 l-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti ħatar kumitat ta' esperti biex itemm ix-xogħol fuq il-varjanti ortografiċi li kien inbeda bil-konsultazzjoni wiesgħa ma' 35 ruħ interessati u kompetenti fil-qasam, li bagħtulna fehmiethom

> Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti għandu jagħmel kull aġġornament li jkun meħtieġ fl-ortografija tal-ilsien Malti, u minn żmien għal ieħor, skont il-ħtieġa, jistabbilixxi l-mod kif għandu jinkiteb il-kliem ġdid fil-Malti u l-kitba korretta ta' kliem u frażijiet li jidħlu fil-Malti minn ilsna oħra
>
> Att dwar l-Ilsien Malti, Art. 5 (2)

Il-kitba ta' dan id-dokument qed issir skont id-deċiżjonijiet imħabbra fid-dokument innifsu.

bil-miktub, u ma' madwar 120 ruħ oħra li ħadu sehem fis-seminar pubbliku *Innaqqsu l-Inċertezzi 1* organizzat fl-20 ta' Jannar 2007. Minn dan is-seminar kien ħareġ ċertu qbil li kemm jista' jkun il-varjanti ortografiċi għandhom jinqatgħu. Fix-xogħol tiegħu l-kumitat wiżen sewwa l-fehmiet kollha li kienu tressqu, u fl-aħħar għadda biex jiddeċiedi.

Wieħed irid jiftakar li l-ortografija tal-Malti kif inhija llum, u kif kienet sa minn twelidha, tirrappreżenta kompromess bejn prinċipji differenti, li kull wieħed minnhom għandu s-siwi u l-piż tiegħu u li jaħdmu flimkien f'ġerarkija stabbilita. Fuq il-prinċipju fonetiku li qiegħed fil-qofol tagħha jidħol il-prinċipju fonoloġiku, u magħhom imbagħad jiżdiedu prinċipji inqas trasparenti għall-kittieb, bħalma huma l-prinċipju etimoloġiku u l-morfoloġiku, u oħrajn iktar komdi, bħall-prinċipju viżiv. Minn dan ħareġ li kelma ġieli jkollha iktar minn kitba waħda, kull waħda minnhom marbuta ma' prinċipju differenti u għalhekk perfettament aċċettabbli.

*Il-kunċett ta' varjant jimplika li wieħed ikollu iżjed minn mod wieħed aċċettabbli kif jagħmel xi ħaġa, u għalhekk xejn mhi ħaġa faċli taqta' naħa jew oħra, għax aktarx ikun hemm ġustifikazzjoni għal kull waħda mis-soluzzjonijiet. Fix-xogħol tiegħu l-kumitat qagħad attent biex japplika għadd ta' prinċipji b'mod li l-għażla tas-soluzzjoni finali kemm jista' jkun ma tkunx arbitrarja*

M'għandniex xi ngħidu, f'ġieħ l-uniformità u l-ħeffa wieħed kieku jkun jixtieq jagħżel prinċipju wieħed u jimxi dejjem bih. Imma dan tista' tgħid li qatt ma jkun possibbli. La kien possibbli għal min b'għaqal kbir fassal l-ortografija tagħna fil-bidu u wisq anqas huwa possibbli għalina llum, wara żidiet li saru lis-sistema ortografika u wara kważi seklu li matulu ġiet stabbilita tradizzjoni sana ta' kitba msejsa fuq dan il-kompromess ortografiku, mirfuda mbagħad minn bosta pubblikazzjonijiet. Jekk tipprova żżomm sod ma' prinċipju wieħed u tapplikah dejjem u kullimkien, dlonk issib li r-riżultati li jwasslek għalihom – għalkemm loġiċi fihom infushom – ikunu jitolbu bidla mill-qiegħ fil-kitba ta' kliem li issa ilu stabbilit, bidla li tista' tagħmel iktar ħsara milli ġid lis-sistema ortografika. Tassew, l-ispazju ta' azzjoni li jibqagħlu l-pjanifikatur kuxjenzjuż huwa dejjaq mhux ftit. Madankollu, l-għaqal jitlob minnu li, fil-limiti li semmejna, ifittex dejjem li s-sistema tibqa' kemm jista' jkun loġika u fidila għan-natura tal-lingwa nfisha.

Li jkun hemm ċertu qasma bejn il-lingwa mitkellma u dik miktuba huwa ftit jew wisq inevitabbli, imma l-esperti fi ħdan il-kumitat qablu li kemm jista' jkun is-sistema miktuba għandna nressquha lejn il-lingwa mitkellma: fl-aħħar mill-aħħar l-ortografija tiddependi mill-għarfien li l-kittieb ikollu tal-ilsien. Dan ifisser li, meta wieħed ikun iffaċċjat bi problema ortografika, idealment għandu jkun jista' jsolviha billi jgħarbel dak li jaf dwar l-ilsien mingħajr ma jkun irid joqgħod ifittex tweġiba f'xi fażi lingwistika iżjed antika u mingħajr ma jkun jeħtieġ għarfien ta' xi lsien ieħor biex jiġġustifika dak li jiddeċiedi.

Fis-soluzzjonijiet li wasal għalihom, il-kumitat fittex is-sempliċità. Dan il-kriterju jissarraf l-iżjed fi prinċipju ta' ekonomija: jekk grupp partikolari ta' problemi wieħed jista' jsolvihom b'regola waħda, aħjar milli jużа tnejn. Is-sempliċità titlob ukoll li r-regola wieħed japplikaha bil-konsistenza, biex każijiet li jixxiebhu jimxu bl-istess mod. Biex ma nsemmux l-importanza ta' dan il-kriterju fil-proċess tat-tagħlim liż-żgħar.

Fl-istess ħin l-esperti fi ħdan il-kumitat żammew quddiem għajnejhom ukoll it-tradizzjoni għoddha ċentinarja tas-sistema ortografika preżenti. Ħassew li fis-soluzzjonijiet li kellhom jaslu għalihom kellhom kemm jista' jkun jirrispettaw il-konvenzjonijiet li hemm stabbiliti u ma jitbegħdux minnhom bla bżonn.

Dmir il-kumitat kien li jaqta' biss dwar il-varjanti ortografiċi u għalhekk tħallew barra minn dan l-eżerċizzju xi varjanti fonetiċi li fil-fatt huma pronunzji differenti tal-istess kelma u li jeżistu t-tnejn, ngħidu aħna, *partikolari/partikulari.* Għaldaqstant quddiem l-erba' varjanti ortografiċi *zoptu/soptu, zobtu/sobtu* għalissa ttieħdet id-deċiżjoni li jinqatgħu l-forom bil-*b*, imma tħallew il-varjanti fonetiċi *zoptu/soptu.* Fil-futur, il-Kunsill beħsiebu jaħdem biex jipprova jsolvi wkoll dan it-tip ta' varjanti fonetiċi.

Billi kellhom jittieħdu deċiżjonijiet skont kriterji li setgħu kienu relevanti għal oqsma oħra tas-sistema ortografika, f'xogħlu l-kumitat kellu jżomm din il-konsiderazzjoni quddiem għajnejh u jara wkoll 'il fejn qed jiżviluppa lsienna biex b'hekk jilqa' b'xi mod għal tibdil possibbli fil-ġejjieni.

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti approva dawn id-deċiżjonijiet unanimament fil-laqgħat tat-12 u s-16 ta' Ġunju 2008.

Huwa l-ħsieb tal-Kunsill tal-Malti li, wara li jittieħdu l-aktar deċiżjonijiet urġenti, jibda jirrevedi t-*Tagħrif fuq il-Kitba Maltija* bit-tama li ma jdumx ma jagħti lill-pubbliku Malti verżjoni aġġornata, ċara u komda tar-regoli tal-kitba Maltija fi ktejjeb ġdid.

Dan il-kumitat kien magħmul kif ġej:

| | |
|---|---|
| Koordinatur | Prof. Albert Borg |
| Segretarju | George Farrugia MA |
| Membri | David Agius Muscat MA |
| | Dr Charles Briffa |
| | Prof. Joseph M. Brincat |
| | Dr Ray Fabri |
| | Prof. Manwel Mifsud |
| | David Muscat BA, PGCE |
| Konsulenti | Carmel Azzopardi MA |
| | Joe Caruana MSc |
| | Mag.phil. Maria Ferstl |

B'kollox il-kumitat iltaqa' tletin darba bejn Lulju 2007 u Ġunju 2008, u kull laqgħa kienet tieħu madwar tliet sigħat. Kull membru ħadem b'mod volontarju u naturalment dan ix-xogħol żdiedlu mat-tagħbija tiegħu ta' kuljum.
Ġieli ġara li xi membru, il-kumitat iddelegalu biċċa xogħol partikolari li, minħabba n-natura tagħha u l-ħin li kienet tieħu, ma setgħetx issir fi ħdanu.

Ma nistgħux hawnhekk ma nsemmux is-sehem importanti li kellhom żewġ persuni li għenu mhux ftit biex dan ix-xogħol jitwassal sa tmiemu.
Dawn huma s-Sur Olvin Vella, Direttur Eżekuttiv tal-Kunsill tal-Malti, li, għalkemm uffiċjalment ma kienx parti mill-kumitat, ħa sehem ewlieni fid-diskussjonijiet u fuq kollox iffaċilita xogħol il-grupp b'kull mod possibbli; u s-Sur George Farrugia li b'reqqa liema bħalha kien jifli d-deċiżjonijiet tal-kumitat u jara l-varjanti kollha li possibilment jaqgħu taħthom. Il-Kunsill tal-Malti huwa grat ħafna lejhom.

# Deċiżjonijiet tal-Kunsill tal-Malti

Il-kitba ta' dan id-dokument qed issir skont id-deċiżjonijiet imħabbra fid-dokument innifsu.

## 1. L-aċċent

1.1 Fil-Malti jinkiteb biss l-aċċent ` meta jaqa' fuq vokali li tkun f'tarf ta' kelma b'aktar minn sillaba waħda fi kliem li mhux ta' nisel Semitiku.
eż. karità, kafè, Marì, però, virtù
L-aċċent ċirkumfless ^ ma jintużax aktar.

## 2. L-ittri kapitali

### 2.1 L-isem proprju

L-ewwel ittra ta' isem proprju u ta' kull kelma li tagħmel parti mill-istess isem, minbarra l-artiklu u l-prepożizzjoni, tinkiteb kbira. Jekk il-prepożizzjoni tiġi fil-bidu tal-isem, tinkiteb b'ittra kbira wkoll.
eż. Marija Borg, il-Gudja, Malta, Venere, Triq il-Kbira, Bieb il-Belt, in-nies ta' Tas-Sliema, l-Aġenzija Appoġġ, wasal Ħadd il-Palm, mort Ta' Pinu u tlabt lill-Madonna ta' Pinu, ix-xatt ta' Ta' Xbiex, f'Ta' Paris, l-Awtorità tax-Xandir, il-Kamra tal-Avukati, l-Ordni ta' San Ġwann, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, il-Bank Nazzjonali tad-Demm, l-Università ta' Malta

2.1.1 **L-artiklu tal-bidu** fl-isem proprju għandu jinkiteb b'ittra kbira meta jintuża waħdu, ngħidu aħna f'indirizz, f'tabella jew f'mappa.

2.1.2 Kull meta nom komuni jintuża b'**sens ta' nom proprju** jinkiteb b'ittra kbira.
eż. Qiegħed fil-ħanut ta' wara l-knisja. Imma: Illum il-Knisja qed tiċċelebra festa kbira.

Żort kemm-il pajjiż u dort kemm-il belt. Imma: Għada nidħol sal-Belt.

Biex titjieb fl-analiżi jeħtieġ tagħmel ħafna kritika prattika. Imma: Il-Kritika Prattika hija suġġett interessanti ħafna.

### 2.2 Id-direzzjonijiet

L-ismijiet tal-irjieħ u tad-direzzjonijiet jinkitbu b'ittra kapitali.
eż. riħ Tramuntana, Grieg il-Lvant, il-Punent, il-Lvant, in-Nofsinhar, ix-Xlokk
Nota: Niktbu riħ fuq, riħ isfel






## 2.3 Il-pubblikazzjonijiet

Meta nikkwotaw pubblikazzjoni, l-ewwel ittra tal-isem tinkiteb kbira (anke jekk tkun l-artiklu).
eż. Dan ir-reklam kien deher f'*Il-Ġens.*
Min hu l-karattru ewlieni f'*Aħna Sinjuri;*
f'*Is-Salib tal-Fidda;* fi *Ħdejn in-Nixxiegħa?*

## 2.4 L-ismijiet xjentifiċi

L-ismijiet xjentifiċi jinkitbu b'ittra kapitali.
eż. il-*Pistacia lentiscus*, it-*Tyrannosaurus rex*, ix-*Scincidae*

Nota: Meta l-isem jieħu l-vokali tal-leħen fuq quddiem, jibqa' jinkiteb b'ittra kbira (sewwasew bħal fil-każ tal-ismijiet tal-prodotti [ara *Żieda mat-Tagħrif*, Ċ11ċ])
eż. l-i*Sparidae*, l-i*Stegosaurus*, l-i*Stromatopteris*

2.4.1 L-ismijiet popolari tal-**elementi kimiċi** jinkitbu b'ittra żgħira.
eż. l-aluminju, il-potassa, is-sulfat

## 2.5 L-ismijiet tal-postijiet

L-ismijiet tal-postijiet bl-element topografiku tagħhom jinkitbu b'ittra kbira.
eż. il-Baħar Mediterran, il-Vulkan Etna, ix-Xmara Nil, il-Muntanja Sinaj, il-Baħar l-Aħmar, l-Oċean Indjan, il-Wied tal-Isperanza, il-Blata tal-Ġeneral, il-Gżejjer ta' San Pawl, il-Bajja ta' San Tumas

2.5.1 L-**aġġettiv** li jitnissel mill-isem tal-post jinkiteb b'ittra kbira.
eż. Ir-reġjun Bask mimli siġar.
Iċ-ċentru Mosti mimli ħajja.

2.5.2 L-isem tan-**nies tal-post** jinkiteb b'ittra kbira.
eż. Mosti, Għawdxi, Ingliża, Ġermaniżi, Taljan, Ewropea, Amerikani

2.5.3 L-ismijiet tal-**lingwi** u tal-**familji tal-lingwi** u d-derivattivi nominali tagħhom jinkitbu b'ittra kbira.
eż. il-Malti, l-Ingliż, ir-Rumanz, kliem ta' nisel Semitiku, Ingliżata, Arabiżmu

## 2.6 Għaqdiet u movimenti

L-ismijiet tal-**movimenti, għaqdiet u reliġjonijiet** jinkitbu b'ittra kbira.
eż. il-Barokk, ir-Rinaxximent, il-Protestantiżmu, l-Iżlam

2.6.1 L-**aġġettivi** li jitnisslu mill-ismijiet tal-movimenti, tal-għaqdiet u tar-reliġjonijiet jinkitbu b'ittra kbira.
eż. l-arti Rinaxximentali, pajjiż Nisrani, stil Sikulo-Normann

2.6.2 L-ismijiet tal-**membri** tal-għaqdiet u l-movimenti (kulturali, reliġjużi, eċċ.) jinkitbu b'ittra kbira.
eż. il-Buddisti, id-Dumnikani, il-Franġiskani Kapuċċini, l-Impressjonisti, il-Kattoliċi, il-Laburisti, in-Nazzjonalisti, ir-Rinaxximentali, ir-Romantiċi

## 2.7 It-titli

Titlu jew isem ta' kariga li jaħbat eżatt qabel l-isem ta' persuna jinkiteb b'ittra kbira.
eż. Irrid infaħħar lill-Avukat Pawlu Hili tax-xogħol siewi li għamel dis-sena.
Nirringrazzjaw lit-Teżoriera Michelle Borg tar-rendikont li tat fis-seduta ġenerali.
L-Isqof Mario Grech ħareġ pastorali mal-Arċisqof Pawlu Cremona.

2.7.1 L-ewwel ittra ta' **titlu mqassar** tinkiteb dejjem kbira.
eż. ir-Rev. Ġorġ Attard, Dr Josette Grima, Dott. Mario Piscopo, is-Sur Michael Farrugia, il-Prof. Lina Xuereb, l-Onor. Peter Attard, l-Inġ. Justine Zammit

2.7.2 Meta l-isem tal-kariga **jintuża waħdu u jirreferi għal individwu partikolari,** jinkiteb b'ittra kbira.
eż. Ilbieraħ it-Teżorier qal li qed jaħsibha jirriżenjax.
L-Arċisqof wasal tard imma xorta wasal qabel l-Isqof.

Nota: Bħala nom komuni, it-titlu jew isem ta' kariga jibqa' jinkiteb b'ittra żgħira.
eż. Dis-sena laħaq kanonku ieħor fil-parroċċa tagħna.
Kull teżorier jaf x'jiġifieri żżomm il-kontijiet sewwa.
Meta jiġri hekk, ir-responsabbiltà kollha taqa' fuq il-president.

### 2.8 L-isem tal-muniti

L-isem tal-muniti jinkiteb b'ittra żgħira.
eż. tliet ewro, seba' ċenteżmi, lira sterlina, disa' dollari

### 2.9 L-ismijiet taż-żmien

2.9.1 L-ismijiet tax-**xhur** u tal-**jiem tal-ġimgħa** jinkitbu b'ittra kbira.
eż. Jannar, Ġunju, Diċembru, il-Ħadd, l-Erbgħa, il-Ġimgħa, is-Sibt

2.9.2 L-ismijiet tal-**istaġuni** u tas-**sekli** jinkitbu b'ittra żgħira
eż. ir-rebbiegħa, il-ħarifa, l-ewwel jum tas-sajf, fi tmiem ix-xitwa, mis-seklu dsatax sas-seklu wieħed u għoxrin

## 3. It-tagħqid tal-kliem

B'mod ġenerali, kull kelma tinkiteb mifruda (ara 3.1), iżda hemm każijiet fejn għal xi raġuni jew oħra l-elementi ta' frażi jinkitbu magħqudin (ara 3.2).

### 3.1 Frażijiet bl-elementi mifruda

**3.1.1 Frażijiet bi kliem imtenni**

Fi frażijiet li jikkonsistu mill-istess kelma mtennija, iż-żewġ kelmiet għandhom jinkitbu separati.
eż. baxx baxx, biss biss, ftit ftit, fuq fuq, ħelu ħelu, kemm kemm, inkiss inkiss, qajl qajl, xejn xejn

**3.1.2 Kliem il-għadd**

Frażijiet bi kliem il-għadd jinkitbu mifrudin.
eż. tnejn u għoxrin ċenteżmu, disa' mija u tlieta u tletin biljett, erba' mitt persuna, erbat elef student
Nota: Kliem il-għadd bejn ħdax u dsatax jibqa' jinkiteb bis-sing. Bl-istess mod tinkiteb kemm-il.
eż. erbatax-il ktieb, dsatax-il karozza, ħmistax-il ewro, kemm-il kaxxa

**3.1.3 Frażijiet b'nett**

Frażijiet li t-tieni element lessikali tagħhom huwa nett jinkitbu mifrudin.
eż. l-isbaħ nett, fuq nett, wara nett, taħt nett, l-ewwel nett, l-aħħar nett, mill-bidu nett, quddiem nett

**3.1.4 Frażijiet b'la jew a la**

Frażijiet li jibdew b'la jew a la jinkitbu bil-kliem mifrud, u tipikament jieħdu t-tifsira "bil-manjiera ta'", "skont il-moda ta'".
eż. la ġenba, la Maltija, la mejta, la ħanżira, a la xanxè, a la Taljana
Nota: labranzetta/lambranzetta llum hija kelma waħda u għalhekk tinkiteb sħiħa.

3.1.5 **Frażijiet b'għala**

Frażijiet li jibdew bil-prepożizzjoni għala jinkitbu bil-kliem mifrud.
eż. għala biebu, għala dejjem, għala għajni, għadda minn għala widnejh

## 3.2 Frażijiet bl-elementi magħquda

3.2.1 B'mod ġenerali, meta l-elementi ta' frażi jitilfu t-tifsira individwali tagħhom u flimkien jakkwistaw tifsira ġdida, jinkitbu magħqudin bħala kelma waħda. Dan ma jgħoddx għall-idjomi.

Nota: Fl-Appendiċi A hemm lista ta' kliem bħal dan li jinkiteb magħqud.
eż. fil-waqt/filwaqt:
Fil-waqt tal-mewt tiegħu, xtaq jerġa' jara lil ibnu.
Imma: Filwaqt li ma ntikx tort, lanqas nista' nagħtik raġun.

minn fuq/minfuq:
Malli sema' li wasalna, niżel minn fuq biex jagħtina merħba. Imma:
Minfuq li ppruvajt ngħinu, dar kontrija.

il-lejla/illejla:
Din hija l-lejla li ili nistenna għomri kollu. Imma:
Illejla inkwetat u m'għandix aptit niekol.

3.2.2 **Il-prefissi**

3.2.2.1 Il-prefiss jinkiteb mal-kelma bħala ħaġa waħda, jiġifieri mingħajr l-ebda żieda bejniethom (ħlief fil-każijiet imsemmija fi 3.2.2.2 u 3.2.2.4).
eż. awtosuġġestjoni, indipendenti, kofinanzjat, poliklinika, semifinali, sottokumitat

Nota 1: Dan jgħodd ukoll meta l-prefiss ikun jispiċċa b'vokali u l-kelma tkun tibda b'vokali wkoll.
eż. antieroj, awtoanaliżi, gastrointestinali, kontroeżami, psewdointellettwali, semiawtomatiku

Nota 2: Meta l-prefiss ikun jispiċċa b'vokali u l-kelma tkun tibda bl-istess vokali, hemm tendenza li fil-pronunzja waħda mill-vokali tinxtorob. F'dawn il-każi tista' tinkiteb jew vokali doppja jew singla.
eż. antiinflammatorju jew antinflammatorju, kooperattiva jew koperattiva, koordinatur jew kordinatur

3.2.2.2 Meta l-prefiss jiġi qabel kelma li tibda b'ittra kapitali, bejniethom jidħol sing.
eż. anti-Taljan, pro-Ingliż, pan-Afrikan, inter-Mediterranju

3.2.2.3 Meta quddiem kelma bi prefiss jiżdied prefiss ieħor, dan jinkiteb magħqud magħhom bl-istess mod.
eż. bużbużnannu, arċiimmatur, postpost-Moderniżmu

3.2.2.4 Hemm xi elementi jixbhu l-prefissi li joqogħdu quddiem il-kelma imma bi drawwa ma jingħaqdux magħha. Dawn huma: aġent, assistent, deputat, gran, kap, viċi u magħhom: prim, sekond, terz (fil-fem. prima, sekonda, terza, jew imqassrin prim', sekond', terz').
eż. assistent kummissarju, deputat kap, Gran Mastru, Kap Kmandant, prim'awla, Prim Ministru, sekond kuġin, terza persuna, terz'ordni, viċi sindku

Nota 1: Kull prefiss li jista' jiġi quddiem dawn jibqa' mifrud minnhom.

Nota 2: Xi espressjonijiet b'dawn l-elementi ilhom stabbiliti miktubin kelma waħda u jibqgħu jinkitbu hekk.
eż. primadonna, grankè, viċirè

### 3.2.3 Il-prepożizzjonijiet ma', sa, ta' qabel vokali, għ jew h

Qabel kliem li jibda bil-vokali, bil-għ jew bl-h, il-prepożizzjonijiet ma', sa, ta' jistgħu jinkitbu sħaħ jew imqassrin (m', s', t').

eż. ta' April / t'April
ma' Elena / m'Elena
sa issa / s'issa
sa Ottubru / s'Ottubru
ta' Ugo / t'Ugo
ma' għeluq is-sena / m'għeluq is-sena
ta' hemmhekk / t'hemmhekk

### 3.2.4 Il-ma tan-negattiv qabel vokali, għ jew h

Qabel kliem li jibda bil-vokali, bil-għ jew bl-h, il-ma tan-negattiv tista' tinkiteb sħiħa ma jew imqassra m' (iżda ara wkoll il-każ tal-pronomi personali fi 3.2.5).

eż. ma hemmx / m'hemmx
ma hawnx / m'hawnx
ma għandux / m'għandux
ma hemiżx / m'hemiżx
ma afdax / m'afdax

Nota: Dan ma jgħoddx għall-verbi ta' nisel barrani li z-zokk tagħhom fil-Malti jibda bil-vokali i.
eż. ma infurmatx, ma interroganix

### 3.2.5 In-negattiv tal-pronomi personali

Il-pronomi personali magħżulin għandhom ukoll funzjoni verbali.
eż. Hija huwa tabib magħruf.

F'din il-funzjoni jistgħu jieħdu n-negattiv bħall-verbi.
Magħhom, il-kelma ma tan-negattiv tista' tinkiteb jew sħiħa jew imqassra.
Meta tkun imqassra titlef il-vokali a, u:

a. quddiem il-pronomi li jibdew bl-h, tinkiteb magħquda magħhom bħala kelma waħda (minkejja r-regola 3.2.4):
eż. mhux, mhuwiex, mhix, mhijiex, mhumiex

b. quddiem il-pronomi l-oħrajn kollha tinkiteb m':
eż. m'iniex, m'intix, m'aħniex, m'intomx

Nota: In-negattiv tal-pronomi personali bil-ma mqassra jinkiteb hekk:

| | | | |
|---|---|---|---|
| sing. | 1. | [jiena] | m'jiniex, m'iniex – m'jiena |
| | | [jien] | m'jienx – m'jien |
| | 2. | [inti] | m'intix – m'inti |
| | | [int] | m'intx – m'int |
| | 3m. | [huwa] | mhuwiex – mhuwa |
| | | [hu] | mhux – mhu |
| | 3f. | [hija] | mhijiex – mhija |
| | | [hi] | mhix – mhi |
| plur. | 1. | [aħna] | m'aħniex – m'aħna |
| | 2. | [intom] | m'intomx – m'intom |
| | 3. | [huma] | mhumiex – mhuma |

eż. Dan mhux ir-riżultat li kont qed nistenna.
Ix-xemx mhux dejjem issaħħan.
Il-kwistjoni mhija ċara xejn.
M'aħniex qed naqblu.
Naf li m'intomx daqshekk boloh.

### 3.2.6 Il-prepożizzjonijiet ġo, ma', sa, ta' mal-artiklu

Il-prepożizzjonijiet ġo, ma', sa u ta' jingħaqdu dejjem mal-artiklu anke quddiem kliem li jibda bil-vokali, bil-għ u bl-h.
eż. tal-Amerikani, mal-erbat irjieħ, sal-Italja, tal-orsijiet, ġol-università, sal-għalqa, tal-hena

### 3.2.7 Il-prepożizzjoni kontra bil-pronomi mehmużin

Meta l-pronomi personali jinhemżu mal-prepożizzjoni kontra jinkitbu hekk: kontrija, kontrik, kontrih, kontriha, kontrina, kontrikom, kontrihom



Silta mill-għanja bil-Malti ta' Pietru Caxaru kif waslet għandna fil-kitba ta' madwar l-1530

## 4. Il-kitba tal-għeruq u z-zkuk

Billi l-Malti ħa mill-morfoloġija tas-Semitiku u minn dik tar-Rumanz, xi kliem Malti jinbena bl-għerq u xi kliem biz-zokk.

Fil-kitba tal-għerq u f'dik taz-zokk japplikaw regoli differenti.

### 4.1 L-għerq

Għalkemm jistgħu jinstemgħu differenti, ġeneralment il-konsonanti ta' għerq il-kelma jibqgħu jinkitbu l-istess.* Jiġifieri jintuża għerq wieħed li jirrappreżentahom ilkoll. Hekk, ngħidu aħna, KTB huwa l-għerq li jinkiteb fil-kliem kollu mibni fuqu, imqar jekk f'dan il-kliem il-konsonanti jistgħu jibdlu leħinhom minħabba l-assimilazzjoni. Għalhekk niktbu ktibna (fejn KTB jinstemgħu KTB), ktieb, kiteb (fejn KTB jinstemgħu KTP), kitbu (fejn KTB jinstemgħu KDB), jiktbu (fejn KTB jinstemgħu GDB). B'hekk tinżamm l-identità tal-għerq Semitiku.

### 4.2 Iz-zokk

Meta zokk jidher taħt suriet differenti (eż. predik-atur, prietk-a; magn-a, makkin-arju; popl-u, popol-azzjoni), ma nagħżlux zokk wieħed għalihom kollha, imma kull forma tinkiteb skont ma tissuġġerixxi l-fonetika tagħha. Għalhekk niktbu: impieg/impjieg u impjegat; kreditur u krettu, akkrettu; kwadru/inkwatru u inkwadra; elettriku u elettriċità.

Nota: Xi kitbiet li huma stabbiliti mill-konswetudni għax laħqu ndraw minn kulħadd u ma jiksrux prinċipji fonetiċi jibqgħu jinkitbu kif kienu s'issa. eż. sindku

---

* Hemm xi eċċezzjonijiet għal dan, bħal meta jkollna għerq li fih l-għ. eż. setgħu / seta' / stajna.

# 5. Deċiżjonijiet dwar kliem ieħor

## 5.1 Kliem bla varjazzjoni sinkronika fl-għerq/zokk

F'dan il-kliem, li fih titlissen *dejjem* l-istess konsonanti, ingħażlet il-kitba li tikkorrispondi għall-fonetika. Dan sar mhux biss biex iħaffef il-kitba imma wkoll fid-dawl ta' deċiżjonijiet oħra li ttieħdu qabel, fosthom dik li tirrigwarda l-kitba ta' kliem bil-konsonanti h (ara: *Aġġornament tat-Tagħrif*, It-tieni parti, I, 2).

bies (pl. bisien) [u mhux ~~bież~~]. Titlissen s f'kull għamla tagħha.
duħ [u mhux ~~dugħ~~]. Titlissen ħ f'kull għamla tagħha.
dvalja [u mhux ~~tvalja~~]. Titlissen d f'kull għamla tagħha.
dverna [u mhux ~~tverna~~]. Titlissen d f'kull għamla tagħha.
għafrit [u mhux ~~għafrid~~]. Titlissen t f'kull għamla tagħha.
każbar [u mhux ~~kasbar~~]. Titlissen ż f'kull għamla tagħha.
lembuba [u mhux ~~lenbuba~~]. Titlissen m f'kull għamla tagħha.
naħnaħ [u mhux ~~nagħnagħ~~]. Jitlissnu ħ-ħ f'kull għamla tagħha.
risq [u mhux ~~riżq~~]. Titlissen s f'kull għamla tagħha.
rkoppa (+ għarkopptejh/għarkupptejh) [u mhux ~~rkobba~~, eċċ.]. Titlissen p f'kull għamla tagħha.
skont [u mhux ~~skond~~]. Titlissen t f'kull għamla tagħha, anke b'vokali warajha. L-ambigwità ma' skont "traħħis" hija improbabbli ħafna minħabba l-kuntest.
eż. Jiġifieri, skontok, il-ħajja kompliet togħla? Skonti, iva.
il-Vanġelu skont San Mattew
zoptu/soptu [u mhux ~~zobtu~~/~~sobtu~~]. Titlissen p f'kull għamla tagħha.

## 5.2 Tqarrib lejn ir-realtà fonetika

Fid-deċiżjoni dwar dan il-kliem ingħatat prijorità lill-aktar tlissin komuni fost il-kelliema tal-Malti. Il-forma li qed tidher ingassata fil-parentesi kwadri m'għandhiex tkompli tinkiteb.

ammen [u mhux ~~amen~~]
Awwissu [u mhux ~~Awissu~~]
ażma, ażmatiku [u mhux ~~ażżma~~, ~~ażżmatiku~~]
beritta [u mhux ~~berritta~~]
denn (pl. denji) [u mhux ~~den~~, ~~dennji~~]
dettall (pl. dettalji), iddettaljat [u mhux ~~dettal~~, ~~dettallji~~, ~~iddettalljat~~]
ewwieq [u mhux ~~ewieq~~]
ġiex (+ ġixt bit-t marbuta) [u mhux ~~ġix~~]
għajjat (verb tat-2ni forma) [u mhux ~~għajat~~]
għajjat (nom verbali) [u mhux ~~għajat~~]
id. Din il-kelma tinkiteb id- jew jd- skont il-pronunzja li jkollha fil-kelma partikolari.
eż. aħsel idek, aħsel idejk, erfa' idek, erfa' jdejk, tini idek, tini jdejk, f'idek, f'idejk
imb (fil-frażijiet ras imb ras, riħ imb riħ, wiċċ imb wiċċ) [u mhux ~~imb'~~]
indenn (f. indenja, pl. indenji) [u mhux ~~inden~~]
inizjattiva [u mhux ~~inizzjattiva~~]
'k (bħala jekk imqassra) [u mhux ~~'kk~~]
eż. 'k Alla jrid
Iżlam, Iżlamiku [u mhux ~~Islam~~, ~~Islamiku~~]
karozza [u mhux ~~karrozza~~]
kuritur/kurutur [u mhux ~~kuridur~~/~~kurudur~~]
peprin [u mhux ~~pepprin~~]
ruxxmata [u mhux ~~ruxmata~~]
subien [u mhux ~~subjien~~]. Għalkemm l-għerq huwa SBJ, f'dik il-pożizzjoni l-konsonanti j titlef leħinha, u fil-kitba ilha titwaqqa' f'din il-kelma (kif ġieli titwaqqa' fi kliem bħal żieda/żjieda, tieba/tjieba).

## 5.3 Lealtà lejn nisel il-kelma (fis-sens lessikali u/jew morfoloġiku)

**Arabja, arabesk, Arabiżmu** [u mhux ~~Għarabja~~, ~~għarabesk~~, ~~Għarabiżmu~~]. Għalkemm in-nisel aħħari tiegħu huwa Għarbi, dan iz-zokk reġa' daħal fil-Malti mit-Taljan. Mill-għerq oriġinali Għarbi nibqgħu niktbu: Għarab, Għarbi.

**dgħufija** [u mhux ~~djufija~~ jew ~~dgħjufija~~]. L-għerq huwa DGĦF u fil-forma tan-nom ta' kwalità jagħtina dgħufija, minkejja li l-għ hawn titlissen j.

**diq, diqa** [u mhux ~~dieq~~, ~~dieqa~~]. Ix-xhieda storika ta' dil-kelma b'għerq DJQ telimina l-possibilità ta' vokali a twila jew ie. Fil-kelma djieq, l-ie hija l-vokali tad-9 forma verbali.

**għaġla** [u mhux ~~għaġġla~~]. L-ebda forma morfoloġika ma tiġġustifika l-forma ingassata.

**(bejn) ħaltejn** [u mhux ~~ħalltejn~~]. Għalkemm ġieli tfissret bħala l-Imtenni ta' ħalla "mewġa kbira", jidher li fil-fatt ġejja minn ħala "sitwazzjoni, kundizzjoni", li għandha l-istess tifsir fi bħala (< bi + ħala).

**Magreb** [u mhux ~~Magħreb~~]. Għalkemm ta' nisel Għarbi, dil-kelma daħlet fil-Malti mit-Taljan u/jew l-Ingliż.

**nagħaġ** [u mhux ~~ngħaġ~~]. Għalkemm ~~ngħaġ~~ hija plural plawsibbli għal nagħġa, il-forma nagħaġ, stabbilita mill-konswetudni aktar milli mill-etimoloġija, ukoll tidħol sewwa f'mudell ta' plural possibbli (ara: ħofra/ħofor, labra/labar, fidda/fided).

**(f') sikktu** (f'sikkti, f'sikkithom, eċċ.) [u mhux ~~f'siktu~~]. Jidher li l-kelma hi marbuta mal-għerq SKK u mhux ma' SKT. Forom bħal f'sikkitha, f'sikkithom jikkonfermaw din l-etimoloġija.

**xbieha** (pl. xbihat) [u mhux ~~xbiha~~].

**xhieda** (= "testimonjanza"/"nies li jixhdu") [u mhux ~~xiehda~~]. Filwaqt li l-morfoloġija tipprovdi mudell għal xhieda "testimonjanza" (qabbel: indiema, tqala, indafa) kif ukoll għal xhieda "nies li jixhdu" (qabbel: bdiewa, iltiema, qraba), ma tinsabx forma għal ~~xiehda~~ "nies li jixhdu". Din hi distinzjoni li nħolqot fi żmien relattivament reċenti biex tagħżel artifiċjalment tifsira minn oħra permezz tal-kitba, ħaġa li fil-lingwa mhix meħtieġa ladarba l-kuntest jagħżel biżżejjed bejniethom.

## 5.4 Il-Fedeltà lejn mudell ortografiku barrani li ndara

**Afrika, Afrikan** [u mhux ~~Affrika~~, ~~Affrikan~~]

**bibliku, biblista** [u mhux ~~bibbliku~~, ~~bibblista~~] Imma: Bibbja

## 5.5 Riinterpretazzjoni tal-għerq

**bużbież** [u mhux ~~busbies~~]. Għalkemm l-għerq oriġinali kien bis-s, illum nippronunzjaw biż-ż quddiem vokali (bużbieża).

**għarax/għarrax** [u mhux ~~għargħax~~]. Verb ta' derivazzjoni inċerta. F'din is-sitwazzjoni ntgħażlet l-aktar forma sempliċi li hija wkoll morfoloġikament sostenibbli.

**heżżeż** [u mhux ~~heżheż~~]. Għalkemm xi dizzjunarji Maltin jagħtu varjanti kwadrilittera, il-forma trilittera hija iktar fidila lejn il-fonetika.

# Appendiċi A

Il-kliem li ġej għandu jinkiteb magħqud meta jkollu tifsira waħda, kif għandu fl-eżempju.

**afli**
Afli wiċċek tost wisq, biex qed terġa' titlobni dak li ma ħaqqekx!

**akkrettu**
L-ewwel elfejn ewro li qalgħu poġġewhom il-bank akkrettu tiegħek.

**allaħares**
Imma allaħares ma jaslux il-passaporti... Kif nistgħu nsiefru mingħajrhom?

**apposta (+ t'apposta, tal-apposta, għal t'apposta, għal tal-apposta)**
Din mhix kumbinazzjoni; din għamilhieli apposta biex jinkini.

Xtrajna żebgħa apposta li l-ħażiż ma jaqbadx magħha.

Waqt il-logħba xejjirlu daqqa ta' sieq t'apposta.

Jissejjaħ delitt doluż meta r-reat ikun twettaq għal t'apposta u b'malizzja.

Kienet kumbinazzjoni; ma ngħidx li kixfuh għal tal-apposta.

**awlillejl, ewlillejl**
Kristu talab awlillejl qabel ma bata.

**beħsiebni, beħsiebi, biħsiebni, biħsiebi**
Jgħidu x'jgħidu, biħsiebi mmur illum stess.
Fil-btajjel tas-sajf beħsiebhom jerħulha lejn l-Alaska.

**bħalissa**
Bħalissa ma nistax niftakar x'jismu z-ziju tal-mara.

**bħallikieku, bħalkieku**
Bħallikieku jekk jogħla ż-żejt mhux kulħadd se jlaqqatha!
Oqgħod attent minnha, għax taf tiksrek bħalkieku xejn.

**bħalma**
Bħalma lkoll tafu, wasalna biex intemmu ħidmitna.

**bilfors (+ ta' bilfors)**
Bilfors li ma ftehemniex.
Dan dmirek u trid tagħmlu ta' bilfors.

**bilġri** (tfisser "dlonk";
ara wkoll f'Appendiċi B: bil-ġiri)
Malli lemaħni telaqhom u ġie bilġri ħdejja.

**bilħaqq**
Bilħaqq, għax kont sa ninsa, inti taf li llejla għandna laqgħa, hux?

**bilkemm**
Bilkemm laħaq daħal li ma bediex jargumenta.

**billejl**
Ħafna mis-serq isir billejl biex id-dalma tostor kollox.

**bilqiegħda**
Mhux rispett li meta jidħol is-surmast fil-kamra tibqa' bilqiegħda.

**bilwieqfa**
Meta jindaqq l-Innu Malti nqumu bilwieqfa.

**binhar**
Nippreferi naħdem billejl milli binhar.

**biżżejjed**
Issa biżżejjed għax ħadtli rasi!

**dalgħodu**
Qed nipprova nispiċċa xogħli dalgħodu, imma fil-każ inkompli llejla.

**dalwaqt** (ġieli mqassra: daqt)
Stennieni ftit; dalwaqt/daqt inkun miegħek.

**dakinhar**
Mela nsejt x'kont għedtlek dakinhar?

**daparti**
Daparti tiegħi, qatt ma nqastu f'xejn, imma ħaddieħor ma nafx.

**daqshekk**
**(+ għal daqshekk, minn daqshekk)**
Mhuwiex daqshekk importanti li timla din il-formola.

Għal daqshekk għamilt qorti?

Minn daqshekk, ma nistax ingerger minnha.

**daqskemm**
Qed inħossni stordut daqskemm għandi ġuħ! Dalwaqt ninstabat mal-art daqskemm qed inħossni għajjien.

**daqskieku, daqslikieku**
Il-ġolf refa' l-karettun b'id waħda, daqslikieku kien banketta.

**daqstant**
Ma kienx hemm daqstant nies fit-teatru.
Issa la ħabrikna daqstant, se naqtgħu qalbna fl-aħħar?

**daqsxejn (+ għal daqsxejn)**
Rajt daqsxejn ta' tifel jibki.
Ħbieb, daqsxejn oħra u naslu.
Tfixkel fit-tapit u għal daqsxejn ma ħadhiex għal wiċċu.

**dawramejt**
Hu u ġej bil-ġirja, żelaq, dar dawramejt u spiċċa wiċċu ġol-ħajt.

**dażgur**
Dażgur li għandha l-garanzija dil-magna tal-ħasil!

**filgħaxija, filgħaxija**
Filgħaxija taqa' s-sirda.
Kull filgħaxija ommi tħobb tmur timxi mixja minn Selmun sal-Mellieħa.

**filgħodu**
Naħdem billejl, u filgħodu nsibha bi tqila biex inqum mis-sodda.

**filwaqt**
Toni jħobb l-isfar, filwaqt li ħuh iħobb l-aħmar.

**ġaladarba**
Ġaladarba qed toġġezzjona, ikollna nwaqqfu l-proġett.

**ġieli**
Tal-gass ġieli jiġi fid-disgħa ta' filgħodu, u ġieli fil-ħdax.

**għaldaqstant**
Għaldaqstant qed niktbulek biex nitolbuk appuntament.

**għalfejn**
Għalfejn qed tkellimni hekk?

**għalhekk**
Għandi l-karozza bil-ħsara, għalhekk ix-xogħol qed immur b'tal-linja.

**għalissa**
Għalissa ma nistax immur narah.

**għalkemm**
Għalkemm tilef ħafna lezzjonijiet, xorta għadda mill-eżami.

**għalkollox**
Issa qtajt qalbi għalkollox.
Begħna d-dar tal-Mosta u ġejna noqogħdu Wied il-Għajn għalkollox.

**għalxejn**
Jgħidu li l-qasba ma ċċaqċaqx għalxejn.

**għarukaża, għarkaża**
X'għarukaża! Ara ftit fejn mar jixħetha l-borża taż-żibel!

**hawnhekk**
Ersaq 'l hawn u poġġi hawnhekk.
Hawnhekk iltqajna ma' għawġ ieħor.

**hemmhekk**
L-imħallef widdbu biex ma jersaqx 'l hemmhekk.

**infatti**
Sewwa qed tgħid, infatti jien dan għaddejt minnu.

**inġenerali**
Wara żmien twil tinħema fil-privat, id-deċiżjoni tħabbret lill-pubbliku inġenerali.

**inkonsiderazzjoni**
Meta niġi biex niġġudika, dawn il-fatturi serji jkolli noħodhom inkonsiderazzjoni.

**inkwantu**
Inkwantu għalina tinkwetax, għax aħna nafu nfendu għal rasna.

**inkwistjoni**
Kellna ħafna każi ta' korruzzjoni, imma l-każ inkwistjoni huwa l-agħar wieħed sa issa.

**insè**
L-ikla insè ma kienet tgħid xejn, imma xorta ħadna pjaċir li ltqajna.

**intant**
Suppost ġew jgħinuna kmieni. Intant, ħalli nkomplu bix-xogħol.

**jalla**
Nixtiqilkom kull ġid; jalla jkollkom ħajja hienja flimkien.

**kemxejn**
Din kwistjoni kemxejn delikata.
Dan l-artiklu kemxejn itwal minn tal-bieraħ.

**kulħadd**
Kulħadd iħobb ftit tal-mistrieħ wara ġurnata xogħol.

**kuljum**
Imur jara lil ommu kuljum.
Din it-triq ngħaddi minnha kuljum għax-xogħol.

**kullimkien**
Fittixtu kullimkien, u ma sibtu mkien.

**kulma**
Mhux kulma jleqq deheb.

**kultant, xi kultant**
Jien hawn kuntent, imma kultant tiġini x-xewqa tas-safar.
Xi kultant jagħtini li mmur inkellmu.

**ladarba**
Ladarba noħroġ mill-ħabs, se nibdel ħajti.

**lakemm**
Mhux lakemm tgħidlu li għandu żball.

**lanqas** (iżda: għall-anqas, mill-anqas, tal-anqas)
Jien la rrid din u lanqas l-oħra.
Lanqas ħaqq li tajtni qatgħa bħal din.
Għall-anqas ma kissrulix il-fanali tal-karozza wkoll!
Mindu widdibtu, lili qed ifittixni mill-anqas.
Dan l-eżerċizzju trid tagħmlu mill-anqas erba' jew ħames darbiet kuljum.
Tal-anqas ma qabadx miegħi l-prinċipal ukoll!
Infaqna ħafna flus imma tal-anqas ir-riżultati issa jidhru.

**ilbieraħ** (iżda: bħall-bieraħ, mill-bieraħ, tal-bieraħ, eċċ.)
Ilbieraħ ġrat diżgrazzja li se nibqgħu niftakruha.
Bħall-bieraħ ġimgħa għamlet dik il-maltempata kbira.
Dan kif mill-bieraħ sal-lum dawwart il-ħsieb?
Il-ftehim tal-bieraħ kien pass importanti lejn il-liberalizzazzjoni tal-midja.

**ilbiraħtlula** (iżda: għall-biraħtlula, mill-biraħtlula, sal-biraħtlula, eċċ.)
Ilbieraħ kien il-Ħadd u lbiraħtlula s-Sibt.
Mill-biraħtlula għaddew jumejn u għadek ma qdejtnix.
Sal-biraħtlula konna rċevejna aktar minn mitt applikazzjoni.

**illaħwa, xi llaħwa**
Illaħwa, x'ħuta qbadt!
Xi llaħwa qed tgħid illum?

**illejla** (iżda: sal-lejla, tal-lejla, mil-lejla, eċċ.)
Illejla niltaqgħu fit-tmienja ħdejn Bieb il-Belt.

**illum** (iżda: bħal-lum, mil-lum, sal-lum, tal-lum, eċċ.)
Illum nagħlaq snini.
Illum ma trid tistagħġeb b'xejn.
L-ittra bgħatthielu llum u jirċeviha għada.
Se naqilbu l-folja u mil-lum 'il quddiem m'intix se tara ċentezmu ieħor mingħandi.
Il-pakkett ilu ħmistax li ntbagħat imma sal-lum għadu ma wasallix.
Iż-żgħażagħ tal-lum għandhom wisq iktar xi jtellifhom minn ta' dari.

**lura**
Min ġej 'il quddiem u min sejjer lura.

**madanakollu, madankollu**
Jgħidu li jħobbuh; madankollu, ħadd ma mar jarah.

**madwar**
Eżatt ma nafx, imma ngħidlek li kien hemm madwar tletin ruħ b'kollox.
Mort mixja madwar ir-raħal.

**maġenb**
Joqgħod sewwasew maġenb il-knisja.

**manġapassiġġa**
Hekk sewwa! Il-mara taħdem u int manġapassiġġa.

**matul**
Matul il-lejl għamlet ħafna xita.

**minbarra**
Minbarra l-impjieg, trid tlaħħaq ukoll max-xogħol tad-dar.

**minflok**
Minflok ma jgħinna, dejjem insibuh itellifna.

**minfuq**
Għandu tort, u minfuq irid jieħu tiegħu.

**mingħajr**
Mingħajr flus ma tagħmel xejn.

**mingħalija, -k, -h,** eċċ.
Jien kien mingħalija li inti kont taf b'kollox.

**mingħand**
Il-bolol jinxtraw mingħand tal-gazzetti.
Kif kont hemm, xtrajt kollox mingħandu.

**minnufih**
Tħallix żmien iktar, itlaq minnufih.

**imnalla**
Imnalla ġibtuh intom l-inbid.

**nofsillejl** "12:00am"
F'nofsillejl ftaħna x-xampanja u xtaqna s-sena t-tajba lil xulxin.

**nofsinhar** "12:00pm"
F'nofsinhar kulħadd jieqaf mix-xogħol għall-ikel.
F'nofsinhar bumm konna nduru madwar il-mejda b'regolarità militari.
Wara nofsinhar id-dell jibda jitwal.

**in-nofsiegħa** "12.30 am jew pm"
(imma ara wkoll nofs siegħa).
Ħarġet mal-ħbieb, u missierha mar jiġborha fin-nofsiegħa ta' filgħodu.

**nofstanhar** (pl. nofstanhari/ nofstanharijiet)
Dam nofstanhar jilgħab mal-karozza.
Fis-sajf il-ħaddiema tal-gvern jaħdmu bin-nofstanhari.

**pereżempju**
Int, pereżempju, għal xiex ġejt hawn dalgħodu?

**perkażu**
Imma jekk, perkażu, ikunu qed jitkellmu bejniethom, m'għandekx tindaħal.

**pezzakustjoni**
Mindu dak il-pezzakustjoni daħal jaħdem magħna, spiċċaw il-paċi u l-għaqda ta' bejnietna.

**qabelxejn**
Qabelxejn, nirringrazzja lil ommi għax kienet hi li xettlet fija l-imħabba lejn l-arti.

**radjudramm**
Fis-sittinijiet, il-palk sab żvog ġdid fir-radjudramm minn fuq ir-Rediffusion.

**sadanittant, sadattant**
Sadanittant, in-naħa l-oħra tal-Belt kienet qed isseħħ storja tinkiteb.

**safrattant**
Safrattant dak li ried jagħmel, xorta għamlu.

**sakemm**
Beħsiebni niġi, sakemm ma jinqala' xejn.
Sakemm wasal sidu, il-qattus laħaq għamel straġi fil-kċina.

**santafjakka**
Jinżel ikaxkar saqajh mat-triq, bis-santafjakka.

**santapaċenzja**
Is-santapaċenzja, kif qridtni!

**sewwasew**
Il-logħob se jibda sewwasew issa.

**skansafaċendi**
Dak skansafaċendi; torbotx fuqu.

**sogħobbih** (jisgħobbih, eċċ.)
Jisgħobbija li ma nistax niġi miegħek illum.
Imxi sewwa ma' ta' taħtek, biex ma jisgħobbikx minn għemilek.

Nota: Dawn il-kelmtejn tant intrabtu flimkien li fin-negattiv, ngħidu aħna, iġibu ruħhom bħala verb wieħed flimkien (għaliex ngħidu: ma jisgħobbikx u mhux ~~ma jisgħobx bik~~).

**stabene**
Miskin il-fqir għax ibati l-ġuħ, min ikun stabene lanqas jinduna bl-għoli tal-ħajja.

**tabilħaqq**
Għandu karattru tabilħaqq skifuż.
Tabilħaqq, għandek raġun.

**tabirruħ(u)**
Għaddiet minn quddiemi, iżda għamilt tabirruħi li ma rajthiex.

**tampar**
Oħtok u ħija tampar xulxin.
Il-mamà tiegħu tampari.

**taparsi**
Taparsi mhux qed nisma' dak li qed tgħid fuqi.

**tassew**
Dun Karm kiteb poeżiji tassew sbieħ.

**teledramm**
Tkun xi tkun il-kwalità artistika tiegħu, it-teledramm bil-Malti dejjem popolari.

**użufrutt**
Id-dar tal-ulied, imma l-ġenituri għandhom l-użufrutt tagħha.

**waranofsinhar** "il-medda ta' ħin minn nofsinhar sa qabel filgħaxija"
Il-waranofsinhar it-tajjeb.
Għaddejt il-waranofsinhar kollu naqra u issa għandi moħħi mixrub.

**xħin**
Xħin daħlu, marru jorqdu minnufih.
Xħin tasal, ċempel il-qanpiena.

**iżżejjed**
Issa żżejjed! Wissejtek kemm-il darba u se jkolli nirrappurtak.

# Appendiċi B

Il-kliem fl-espressjonijiet li ġejjin jinkiteb mifrud bi spazju jew b'sing, skont kif jidher hawn taħt.

barra minn dan
barra minn hekk
bħal meta
bħal xejn
bil-ġiri (imma ara wkoll f'Appendiċi A: bilġri)
bil-kif
dal-ħin
dal-lejl
darba fill
fil-fatt
għad illi, għad li
fl-aħħar (+ sa fl-aħħar)
għal biex
għal daqshekk ➔ daqshekk
għal daqsxejn ➔ daqsxejn
għal għarrieda
għall-aħħar
għall-anqas, għall-inqas ➔ lanqas
għal li
għal tal-apposta, għal t'apposta ➔ apposta
għal xiex
kull darba
kull fejn
kull meta
kull min
kull xejn
liema bħalu, liema bħalha, eċċ. Nota: Il-kitba liema qed tieħu post il-kitba ~~li ma~~ fi frażijiet bħal dehra ta' ġmiel liema bħalu.
lil hawn
lil hemm
lil hinn
linji gwida
mill-anqas ➔ lanqas
minn bejn
minn daqqiet, minn xi daqqiet
minn daqshekk ➔ daqshekk
minn fejn
minn tagħna
iżża ħajr. Nota: Għalkemm dawn il-kelmtejn x'aktarx jingħadu flimkien f'għamla ta' formula u ġieli ssibhom miktuba f'kelma waħda, il-verb iżża huwa kkonjugat regolarment u jista' jieħu l-pronom mehmuż bħal verbi oħra (ara: niżżi ħajr, niżżik ħajr, jiżżu ħajr, jiżżuna ħajr).
nofs siegħa "medda ta' ħin ta' 30 minuta" (imma ara wkoll nofsiegħa)
sa fejn
sa fl-aħħar ➔ fl-aħħar
sal-aħħar
ta' bilfors ➔ bilfors
tal-anqas ➔ lanqas
t'apposta, tal-apposta ➔ apposta
wara nofsinhar "wara 12:00pm" ➔ nofsinhar
xi ħadd
xi ħaġa
xi kultant ➔ kultant
xi mkien
xi minn daqqiet

**Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti**

Il-Ministeru tal-Edukazzjoni
Il-Furjana

+356 2598 2465
kunsilltalmalti@gov.mt

www.kunsilltalmalti.gov.mt

President Prof. Manwel Mifsud
Viċi President Dr Josette Attard
Segretarju George Farrugia
Membri Prof. Albert Borg
Joseph P. Borg
Dr Charles Briffa
Victor Cauchi
Dr Ray Fabri
Prof. Joe Friggieri
Dr Simone Inguanez
Mario Schiavone
Direttur Eżekuttiv Olvin Vella

© Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, 2008